MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 349/2009

**Gasan Enterprises Limited**
**(C – 467)**

**vs**

**Philip u Rita konjugi Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti l-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u tnejn u ghoxrin Euro u disgha u erbghin centezmi (€2,222.49), dovuti skont disa' (9) kambjala li gew iffirmati minnhom u li skadew fit-3 ta' Lulju, 2006, fit-3 ta' Awissu, 2006, fit-3 ta' Settembru, 2006, fit-3 ta' Ottubru, 2006. fit-3 ta' Dicembru, 2006, fit-3 ta' Jannar, 2007, fit-3 ta' Frar, 2007, u fit-3 ta' Marzu, 2006, izda baqa' ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 19 ta' Ottubru, 2004 u ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju Nru. 1355/09 kontra l-konvenuti u bl-imghax kontra l-istess konvenuti mid-data ta' kull skadenza, u li gew ingutni ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn, mitejn u tnejn u ghoxrin Euro u disgha u erbghin centezmi (€2,222.49), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------